MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 21/2008

Kawza fil-lista: 17

**A B sive C D E**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti F D E, u li b' digriet moghti fil-15 ta' Ottubru 2009 gew estromessi mill-kawza, stante li l-konvenut gie notifikat skond il-ligi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta' Jannar 2008 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Gunju 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal: G li twieldet fit-28 ta' Novembru 1992 u H li twieldet fit-2 ta' Dicembru 1993; li l-konvenut huwa hati fil-konfront ta' l-attrici skond l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-

Ligijiet ta' Malta, u wkoll ta' abbandun, fit-termini ta' l-artikolu 41 ta' l-istess Kap. meta "abbanduna lil martu u lil uliedu gewwa Malta, filwaqt li telaq mill-gzira."; li l-konvenut naqas mir-responsabiltajiet tieghu ta' ragel mizzewweg illi jmantni lil martu u lil uliedu minuri, li allura kellhom jiddependu ghal ghejxien taghhom fuq l-assistenza socjali; li l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprezenta l-kawza odjerna; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi D E ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

2. Tafda l-kura u l-kusotdja tal-minuri G u H f' idejn ir-rikorrenti;

3. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti;

4. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq ghaliha u ghal uliedha minuri u tordna lill-intimatat sabiex ihallas l-istess manteniment;

5. Tawtorizza lill-intimata sabiex flimkien ma' uliedha, tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni ta' zewgha;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana bhala konsegwenza tal-htijiet manifesti tal-intimat fit-tkissir ta' dan iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw il-fakulta' li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi rrizulta nkontrastat li fis-19 ta' Gunju 1983, l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Egizzjan, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li ghadhom minorenni.

Illi mill-provi rrizulta provat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tul il-konvivenza matrimonjali il-konvenut wera li kien egojist u nsensittiv fil-konfront ta' l-attrici, u sussegwentement, anke fil-konfront ta' ulied il-partijiet. L-attrici kienet vittma ta' vjolenza morali kontinwa da parti ta' zewgha, u atteggjament degradanti, anke fir-relazzjonijiet intimi. Il-konvenut kien xhih maghha tant li, wara li kellha l-ewwel tarbija, peress li hi kienet kostretta tieqaf tahdem, kienet kontinwament tittallab ghal flus ghal hajja; ghax huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus, filwaqt li dak li kien idahhal mix-xoghol tieghu kien jonfoqhom fil-kappricci tieghu. Jirrizulta wkoll li matul il-konvivenza huwa kien jiffrekwenta n-nisa u kellu wkoll relazzjonijiet extra-matrimonjali. Eventwalment fis-sena 2005 il-konvenut abbanduna ghal kollox id-dar konjugali, u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha b' zewgt-it tfal minuri.

Illi dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu jikkostitwixxi sevizzi u ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40, stante li, ezercitat abitwalment u ripetutament, irrendew il-konvivenza nsapportabbli ghall-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli precitat, u li, fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-htija tattira l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 fl-intier tieghu.

**Kura u Kustodja**
Illi mhemmx dubju li l-interessi supremi tal-minuri jiddettaw li dawn jibqghu fil-kura u kustodja ta’ ommhom li hadet hsiebhom mit-twelid taghhom, nonostante l-inkwiet matrimonjali li kellha titfacca.

Ghaldaqstant il-Qorti tafda l-kura u kustodja esklussiva tat-tfal minuri tal-partijiet lill-attrici, b’access liberu favur il-missier, tenut kont ta’ l-eta’ tal-minuri.

**Manteniment**
*Mara*
Illi rigward il-manteniment ghall-attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-konvenut ma kienx jaghti flus lil martu, nonostante li meta kien Malta kien jahdem;  u ma ngabet ebda prova dwar l-introjtu tieghu.  Ghaldaqstant din il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li tikkomputa retta alimentarja ghall-attrici.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, filwaqt li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand zewgha, kemm bhala l-parti hatja tas-separazzjoni, kemm ghaliex mill-provi jidher li minhabba kondizzjoni medika l-attrici mhijiex fil-pozizzjoni li tahdem bi qligh, almenu b’ mod regolari; izda tirrizerva d-decizjoni dwar il-komputazzjoni tal-*quantum* ghal gudizzju separat.

*Minuri*
Illi rigward il-minuri, il-pozizzjoni legali hi differenti, fis-sens li l-obbligu tal-konvenut li jmantni lil uliedu huwa assolut; multo magis fil-kaz odjern fejn jirrizulta li l-konvenut kien jahdem, u ma jirrizultax provat li waqaf jahdem, jew li ghandu xi kondizzjoni li timpedih milli jkompli jahdem u jiggenera ntrojtu.

Ghadaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma mensili ta’ mija hamsa u sebghin [€175] ewro ghal kull wild minuri, sakemm il-minuri ssir maggjorenni.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Mill-provi jrrizulta li l-assi jikkonsistu fl-inkwilinat tal-fond “Rose Marie” Triq Qrejten, Hamrun, minghand l-Awtorita’ tad-Djar. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna li l-attrici tibqa’ tirrisjedi f’ dan il-fond *vita natural durante* ad eskluzjoni tal-konvenut. Wkoll, il-konvenut ghandu jhallas id-dejn kollu talvolta kuntrattat minnu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1 tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa’ t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
[3] tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u li din tigi assenjata kif fuq indikat fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;
[4] tilqa’ r-raba talba, limitatament u fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;
[5] tilqa’ il-hames talba fit-termini taghha;
[6] tilqa’ is-sitt talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------